# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2024**

**Numru 7**

**Rikors Numru 901/19TA**

**Nazzareno sive Reno u Marie Louise konjuġi Baldacchino**
**(K.I. 607258M u 210262M rispettivament)**
**vs**
**(i) Aġenzija għal Infrastruttura Malta**
**(ii) Bonnici Bros. Limited (C3905)**
**(iii) Bonnici Bros Contractors Ltd (C21406)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Nazzareno sive Reno u Marie Louise konjugi Baldacchino (l-Atturi) tal-20 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:

1. Illi l-esponenti huma propjetarji tal-fond bl-isem "Villa Pimpernel" li jinsab ġewwa Ex-Office Quarters, Two-Site fi Vjal l-Avjazzjoni ġewwa Hal-Luqa, liema villa hija mdawra b` ġonna u *swimming* pool;

2. Illi din id-dar tal-esponenti hi adjaċenti għas-sit fejn qabel kien hemm l-uffiċini tal-Air Malta, u fuq liema sit illum hemm l-uffiċċji tal-intimata Aġenzjija għal Infrastruttura Malta;

3. Illi fi Frar tas-sena 2019 inbdew xogħlijiet mill-intimati kuntratturi Bonnici Bros. Limited u Bonnici Bros Contractors Ltd fuq struzzjonijiet tal-intimata Aġenzija għal Infrastruttura Malta, sabiex isir *car parking lot* preċiżament f` żona li hija adjaċenti għall-ġnien tad-dar tal-esponenti;

4. Illi fl-eżekuzzjoni ta` dan ix-xogħol, intuża apparat industrijali inkluż tagħmir li jissejjaħ *compactor* ta` daqs kbir, liema apparat ikkawża tregħid fil-fond proprjeta tal-esponenti;

5. Illi in vista tas-suespost, l-esponenti ppreżentaw il-mandat ta` inibizzjoni bin-numru 159/2019NC li kopja legali tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok, "A", sabiex jinibixxu lill-intimati odjerni flimkien ma` Enemed Co Ltd (C66404) u Petromal Company Limited (C65288) jew min minnhom , milli jkompli għaddejin bix-xogħlijiet suriferiti stante li nħoloq periklu reali lill-proprjeta` tal-esponenti;

6. Illi in vista tas-suespost, fil-mori tal-imsemmi mandat ta` inibizzjoni, l-intimati Aġenzija għal Infrastruttura Malta, Bonnici Bros. Limited u Bonnici Bros Contractors Ltd avviċinaw lill-esponenti sabiex jintleħaq ftehim bonarju u jigi mneħħi l-mandat:

7. Illi għaldaqstant, l-esponenti flimkien mal-intimati dehru fuq skrittura privata datata 11 ta` Frar 2019, hawn annessa u mmarkata bħala Dok, "B" fejn permezz tagħha rregolaw ir-relazzjoni tagħhom in vista tal-mandat ta` inibizzjoni suriferit u *inter alia* ppremettew dan li gej:

    a. Illi l-intimati flimkien ikkummissjonaw rapport peritali, liema rapport ġie mħejji mill-Perit Ruben Aquilina u datat 8 ta` Frar 2019. Tali rapport juri l-kundizzjoni ġenerali tal-fond tal-atturi fid-data li fih tħejja u seta` jintuża kemm mill-atturi kif ukoll mill-intimati;

    b. Illi l-intimati obbligaw rwieħhom li kienu ser jiddesistu milli jkompli jużaw apparat *ossia vibratory roller* fix-xogħol ta` skavar li kien qiegħed isir fil-fond adjaċenti ta` dak tal-atturi;

    c. Illi inoltre, l-intimati obbligaw ruħhom li jirrimedjaw kwalunkwe ħsara li tista` ssir fil-proprjeta` tal- esponenti u jindenizzaw lill-atturi konjuġi Baldacchino għal kwalunkwe ħsara li tista` tiġi sofferta minnhom fil-proprjeta` *de quo* u dan b`konsegwenza għax-xogħlijiet li twettqu minnhom;

8. Illi wara li ġiet iffirmata tali skrittura privata u senjatament fix-xhur tas-Sajf ta` din is-sena, l-esponenti nnutaw li l-livell tal-ilma fl-*iswimming pool* tagħhom kienet qed jonqos fil-waqt li kien qed ikun hemm perkolazzjoni fil-*pump room*;

9. Illi in vista tas-suespost, l-esponenti nkarigaw lill-Perit Valerio Schembri sabiex iħejji rapport peritali dwar il-ħsara imġarrba fl-istess *swimming pool* u *pump room* u dan kif jidher mir-rapport hawn anness u mmarkat Dok.”C”;

10. Illi skont dan l-istess rapport peritali, jidher ċar li l-perkolazzjoni li qiegħda sseħħ fl-istess *swimming pool* hija kaġun ta` xaqq jew xquq fl-istruttura tal-vaska in kwistjoni, liema xquq ġew ikkaġunata mill-vibrazzjonijiet jew effetti oħrajn tal-inġenji wżati;

11. Illi inoltre, skont il-Perit Schembri, sabiex tiġi msewwija tali ħsara u sabiex l-*iswimming pool* jiġi rripristinat għall-istat li kienet qabel saru x-xogħlijiet in kwistjoni, il-vaska tal-istess *swimming pool* trid tinqala` u ssir mill-ġdid kif ukoll isir l-istess għas-sistemmi mekkaniċi u elettriċi li jservu l-istess vaska;

12. Illi għaldaqstant huwa ċar li minħabba l-aġir tal-intimati, l-esponenti sofrew u qiegħdin isofru minn danni;

13. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-esponenti sabiex l-intimati jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta` danni sofferti, kemm b` ittra bonarja (Dok. “D”) u kemm b` ittra uffiċjali numru 2641/2019 (Dok. “E”), l-intimati baqgħu inadempjenti;

Illi r-raġuni ta` din talba hija li l-intimati wettqu xogħlijiet permezz ta` inġenji kbar li jikkawżaw vibrazzjonijiet f`sit adjaċenti għall-fond proprjeta` tal-esponenti, liema xogħlijiet wasslu għall-hsara fl-*iswimming pool* u l-*pump room* fil-proprjeta` tal-esponenti, u għaldaqstant l-intimati, jew min minnhom għandhom jiġu kkundannati jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta` danni sofferti;

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati, jew min minnhom permezz tal-aġir tagħhom ikkawżaw danni inġenti fil-proprjeta` tal-esponenti ossia fl-*iswimming pool* u l-pu*mp room* tal-fond bl-isem “ Villa Pimpernel” li jisnsab ġewwa Ex-Office Quarters, Two-Site fi Vjal l-Avazzjoni ġewwa Hal-Luqa;

2. Tillikwida l-ammont ta` danni sofferti mir-rikorrenti kawża tal-azzjonijiet tal-intimati bl-opera o*ccorrendo* ta ` periti nominandi;

3. Tikkundana lill-intimati, jew min minnhom sabiex iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti.

   Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali 2641/2019 kontra l-intimati minn inġunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Bonnici Bros. Ltd u Bonnici Bros Contractors Limited (is-Soċjetajiet konvenuti) tal-4 ta' Novmebru 2019 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi l-esponenti ma kkawżaw l-ebda dannu lir-rikorrenti tant illi huwa teknikament impossibli li wieħed b` xi mod jorbot l-allegat dannu subit max-xogħol esegwit mill-esponenti, li dejjem aġixxew taħt id-direzzjoni tal-Aġenzija intimata u di piu` ix-xogħol gie esegwit skont is-sengħa u l-arti u bl-ikbar kawtela: dan kollu kif ser jiġi ampjament ippruvat;

2. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, f-każ li jirriżulta xi ħsarat dawn għandhom jiġu rimedjati mill-Aġenzija intimata;

3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost għandu japplika l-prinċipju li min isofri dannu għandu jizgura li dan jiġi minimizzat u għalhekk l-esponenti tirrileva illi r-rimedju suġġerit mill-Perit Valerio Schembri, ingaġġat bħala perit *ex parte* mir-rikorrenti, m` għandux jiġi addottat minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessibli fil-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-Agenzija għal Infrastruttura Malta (l-Aġenzija konvenuta) tas-7 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha wieġbet u eċċeppiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponenti ma ghandhiex twiegeb ghat-talbiet tar-rikorrenti ghaliex hi ma kkawzat l-ebda danni lir-rikorrenti kif allegat mill-istess rikorrenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk r-rikorrenti ipprocedew kontra l-esponenti ghal culpa in eligendo, l-esponenti dejjem inkarigat kuntratturi u haddiema ta` esperjenza u professjonali u ghalhekk laqnas that dan il-kap ma ghandha twiegeb ghat-talbiet tar-rikorrenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jispetta lir-rikorrenti igibu prova mhux biss tad-dannu allegament soffert minnhom izda tan-ness bejn l-istess dannu u l-azzjonijiet ta` l-esponenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk jirrizulta li fil-fatt l-esponenti kkawzat xi dannu lir-rikorrenti, hija disposta li taghmel tajjeb ghall -istess kif qablet kontrattwalment li taghmel mar-rikorrenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jiddikjaraw li huma ma jaqblux mal-konkluzzjonijiet u r-rimedji proposti mill-Perit ex parte Valerio Schembri u jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri wara li jinghata access lilhom ghal proprjeta tar-rikorrenti sabiex esperti taghha jkunu jistghu jirrelataw fuq dak allegat mir-rikorrenti;

   Salv eccezzjonijet ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda ta' dawk imressqa fil-perkors tal-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-atturi huma proprjetarji tal-fond bl-isem "Villa Pimpernel" ġewwa l-ex Office Quarters, Two-Site fi Vjal l-Avjazzjoni, Ħal-Luqa li fost oħrajn din il-Villa hija mdawra bi '*swimming pool'.*

Jmiss ma' din id-dar hemm l-Uffiċini tal-Awtorita konvenuta. Fl-2019 ikkumissjonat lis-Soċjetajiet konvenuti biex tagħmel xogħlijiet, fost oħrajn ta' tbattim, in konnessjoni ma' konversjoni ta' għalqa *f'parking lot* liema għalqa tmiss eżattament mal-ġnien tal-Villa tal-Atturi u fejn għandhom is-'*swimming pool'* fuq imsemmi. Sabiex iwwittu u jballtu l-wiċċ ta' dan il-

proġett, is-Soċjetajiet konvenuti għamlu użu minn *compactor* ta' ċerta daqs li jwitti bit-toqol tiegħu u billi jimmitti wkoll vibrazzjonijiet.

L-Atturi proċedew biex jottjenu mandat ta' inibizzjoni peress li bdew isostnu li dawn ix-xogħlijiet kienu jirrappreżentaw perikolu rejali lill-proprjeta' tagħhom. Konsegwentement l-Atturi ġew avviċinati mill-konvenuti biex jilħqu ftehim fis-sens li kienu ser jieqfu milli jagħmlu użu mir-romblu li jivvibra u li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li setgħu isofru l-Atturi fil-fond tagħhom (ara a' fol 17).

Minkejja dan il-ftehim l-Atturi bdew josservaw li l-ilma fis-*swiming pool* tagħhom qed jonqos u kellhom perkolazzjoni ta' ilma fil-*pump room* u għalhekk ikkummissjonaw lill-Perit Valerio Schembri biex jagħmel rapport (a' fol 105). Tajjeb li jingħad ukoll, li s-Soċjetajiet konvenuti qabel komplew ix-xogħlijiet ukoll ikkummissjonaw lill-Perit Reuben Aquilina biex jagħmel *condition report* tal-fond tal-Atturi (a' fol 19). Skond ir-rapport tal-Perit Valerio Schembri dan is-swimming pool kellu jinqala' kollu u jsir mill-ġdid bl-ispiża tlaħħaq għal kważi tmenin elf ewro.

L-Atturi jsostnu li l-ħsara hija b'konsegwenza tax-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti u għalhekk sofrew danni li qed jirriklamaw b'din il-kawża. Il-konvenuti jiċħdu li huma kkawżaw danni.

**Punti ta' liġi**

Din hija azzjoni għad-danni fejn għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali ta' dritt li jinsabu enunċjati fil-Kodiċi Ċivili taħt it-titolu ta' "Delitti u Kważi Delitti", senjatament il-prinċipju li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

L-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi illi:-

"*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*"

Il-ġurisprudenza in materja hija fis-sens li min ifittex għad-danni jrid jipprova l-kondotta kważi-delittwuża, ossia dak l-att jew ommissjoni kolpuża li tirradika l-ħtija. B'żieda ma' dan, id-danneġġjat irid jipprova wkoll li dik il-kondotta kolpuża għandha konnessjoni intrinsika, ċioe' ness kawżattiv, ta` kawża u effett mad-danni**.**

F'dan ir-rigward, ġie ritenut li l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuz li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha billi wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett.  (Ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

Finalment, id-danneġġjat irid iressaq ukoll, naturalment, prova konkreta tad-danni jew ħsara sofferti (Ara **Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Charles Gauci et -vs- Maria Borġ Mizzi et noe, deċiża fil-25 ta' Diċembru 2004**). U fis-**Sentenza fl-ismijiet Chef Choice Limited -vs-**

**Raymond Galea et, deċiża fis-26 ta' Settembru 2013, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili** qalet:-

"*Illi huwa aċċettat li biex persuna tista' tinsab responsabbli għall-ħsara li ħaddieħor ikun ġarrab bl-egħmil ta' dik il-persuna, m'huwiex meħtieġ li l-egħmil waħdu ta' dik il-persuna ikun il-kawża waħdanija tad-dannu mġarrab, għaliex biżżejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna bin-negliġenza jew bir-rieda tagħha biex jintrabat magħha l-piż tar-responsabilità għal dak li jkun ġara. Iżda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-ħtija u r-responsabilità li tiġi magħha, jeħtieġ jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-liġi) li dik il-ħtija nisslet id-dannu attwalment imġarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b'mod ċert. Ir-rabta tal-kawżalità hija meħtieġa tabilfors;*"

Min-naħa l-oħra fis-**Sentenza fl-ismijiet Paul Laferla -vs- Comm. Edward Palmier noe** intqal :

"*Illi n-ness ta` kawżalita` hu fiċ-ċentru tal-problema tar-responsabbilita` ċivili … il-fatt add(eb)itat bħala kawża tad-dannu jridu ikun il-kawża ġeneratriċi tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera f`ness ta` kawżalita` mal-fatt kolpuz li fuqu tkun bażata domanda għar-riżarċiment*".

Dan ifisser li għas-suċċess tat-talba attriċi għall-ħlas tad-danni ġejjin mill-culpa akwiljana, il-Qorti trid tkun konvinta li d-danni ġew sofferti minħabba l-eżistenza ta' kolpa fl-għemil jew ommissjoni tal-kontradittur u li jeżisti ness ċar ta' kawżalita` bejn il-fatt illeċitu u d-danni hekk sofferti.

**Konsiderazzjonijiet**

Bħal ma kważi jiġri dejjem f'każijiet bħal dawn, il-posizzjoni tal-partijiet hija waħda kontrastanti. L-Atturi jsostnu li sofrew danni b'konsegwenza tax-xogħlijiet eżegwiti mill-konvenuti mentri dawn tal-aħħar jsostnu li huwa impossibli li d-danni ġew ikkawżati minnhom minħabba l-ġustaposizzjoni taż-żewġ fondi.

Il-perit Valerio Schembri inkarigat mill-Atturi huwa univokament konvint li l-ħsara fil-fond tal-atturi ġiet ikkawżata mill-konvenuti (a' fol 27). In eżami, dan il-perit jgħid li ma hemmx soluzzjoni oħra ħlief li s-*swimming pool* tinqala'. Dan jispjega li kieku jintilef ftit ilma dak tattribwieh għall-evaporazzjoni imma kif spjegalu l-Attur jiġifieri li jimla' regolarment ma hiex kwistjoni ta' hekk (a' fol 62 u 63).

Min-naħa l-oħra, il-konvenuti Soċjetajiet kienu kkumissjonaw lill-Perit Reuben Aquilina qabel komplew ix-xogħolijiet u wara li waqqfu jużaw il-*vibrating compactor*, biex jagħmel condition report dwar il-fond tal-Atturi li fih innota hekk: *"Garden and pool deck area: "Apart for some cracks in some low 'fuq il-fil' walls this area is in good condition. The pool is presently filled with water and there are no signs of cracks in the floor tiling and the boundary rendered walls"* (a' fol 18 tergo).

Fredrick Azzopardi għall-konvenuta Infrastructure jgħid, li bejn il-car park u l-pool hemm aktar minn 23 pied (a' fol 61). Dan ix-xhud jgħid li meta mar l-ewwel perit inkarigat mill-kuntrattur dan ma niżilx fil-bokka tal-*pumping*

*room* għaliex mhux biss kienet magħluqa talli fuqha kien hemm xi pjanti u għalhekk ma rax x'kien hemm fiha (a' fol 61 (tergo). Jgħid ukoll li meta dan il-perit mar fuq il-post l-Atturi wrewħ kullimkien u f'ebda ħin ma semmew din il-bokka tal-pompa (a' fol 61 tergo u 62). Il-Perit Reuben Aquilina in eżami jikkonferma li għalkemm talab li jdur mad-dar kollha l-Atturi f'ebda ħin ma daħluh fil-*pump room*. Jgħid li ma kienx jaf biha għaliex ħadd ma semmihilu (a' fol 78 tergo).

Fir-rapport tal-Perit Matthew Briffa, għall-Awtorita' konvenuta, jispjega li l-ħsara qiegħdha bejn is-*swimming pool* u l-bokka tal-pompa. Dan jgħid li hija ħaġa lloġika dak li qed isostnu l-Atturi, għaliex jekk qatt kellha ssir ħsara din kellha tkun bejn fejn saru x-xogħlijiet u l-ewwel struttura li tmiss max-xogħlijiet (a' fol 73). In eżami jgħid, li l-ingress tal-ilma fil-*pump room* ġej minn ġol-ħajt u mhux mill-*pipe* (a' fol 84 tergo). Dan il-perit josserva li tqattiegħ ma sarx. Sar tħammil biss.  Il-post fejn hemm il-ħsara hija l-aktar parti 'l bogħod mill-post fejn saru x-xogħlijiet. Di piu' il-ħsara saret bejn struttura u struttura. Li ma kienx hemm skavar u tqattiegħ jikkonfermaħ ukoll Gilbert Bonniċi (a' fol 118C tergo).

Il-Qorti fid-dawl ta' posizzjonijiet daqstant kontrastanti u anke tal-elementi tekniċi involuti, fuq talba ta' waħda mill-partijiet innominat lill-Perit M'Louise Caruana Galea sabiex tgħid x'kienet il-kawża prossima tal-ħsarat subiti mill-Atturi u sabiex ukoll tagħmel valutazzjoni tal-ħsarat li sofrew jekk ikun il-każ (ara a' fol 119). In suċċint, din il-Perit waslet għall-konkluzjoni li l-ilma

fil-*pump room* qed jaħrab mill-pixxina minħabba xi xquq. Il-kawża tal-ħsarat inkwistjoni huwa minħabba xogħlijiet b'inġenji li jikkawżaw vibrazzjoni u tregħid eċċessiv fis-sottoterran li affettwa l-pixxina f'distanza ta' ċirca 13 -il metru mis-sit fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet. Spjegat ukoll li dawn il-ħsarat feġġew tlett xhur wara in vista tal-fatt li jekk hemm xquq żgħar, speċjalment jekk feġġew fl-aktar punt imbiegħed mill-*pump room* irid jgħaddi ammont ta' żmien sakemm jiskula għal ġol-uniku spazju fis-sottorren ta' madwar il-pool.

Din il-Perit ma rrakkomandatx li jinqala' il-*pool* kollu, kif irrakkomanda l-Perit Valerio Schembri. Spjegat li jistgħu jsiru xogħlijiet ta' riparazzjoni li fit-total tagħhom jammontaw għal €30,055. (a' fol 149 u 150).

Fuq talba ta' waħda mill-partijiet fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2023 għall-ħatra ta' periti addizjonali l-Qorti ħatret lill-Periti Michael Lanfranco, Alexei Pace u Karl Cutajar biex jippreżentaw ir-rapport tagħhom u jgħidu jekk jaqblux mar-rapport tal-Ewwel Perit u jagħtu r-raġunijiet tagħhom.

Dawn qablu ma' l-ewwel Perit li l-ħsarat ġew ikkawżati mix-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti. Dawn qablu wkoll li ma hemmx bżonn li jkun hemm tibdil radikali fis-*swimming pool*. Fejn ma qablux mal-ewwel Perit kien il-fattur ta' diprezzament u waslu għall-konklużjoni, mhux daqstant 'l bogħod minn dik tal-ewwel perit, li l-ħsarat jammontaw għal €30,295 (a' fol 197). Kemm l-ewwel Perit u kif ukoll dawk addizzjonali gew eskussi u ma bidlu xejn sostanzjali mill-konklużjonijiet minnhom raġġunti.

Issa l-Qorti tassew ma hiex marbuta li toqgħod mal-konklużjonijiet tal-Periti maħtura minnha kontra l-konvinċiment tagħha. Iżda biex dan isir, irid tassew ikun hemm raġunijiet impellenti li jikkonvincu lill-Qorti li tallontana ruħha mill-konklużjonijiet tal-perit maħtura minnha. **Fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Buġeja -vs- Muscat fit-13 ta' Ġunju 1967** intqal li "*.... giudizio dell-arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux ...... jiġi skartat faċilment ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjoni peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġjonevoli...".*

Issa din il-Qorti ma tara xejn irraġjonevoli fil-konklużjonijiet tal-Periti maħtura minnha, partikolarment dawk raġġunti mill-Periti addizjonali. Għalhekk il-Qorti ser tagħmel tagħha dawn il-konklużjonijiet li jfisser li t-talbiet Attriċi ser jintlaqgħu u tillikwida l-ammont ta' €30, 295 bħala danni sofferti mill-Atturi.

Pero' qabel ma tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-mertu, il-Qorti trid tikkonsidra t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita' konvenuta li fiha tgħid li m'għandiex tiġi ritenuta responsabbli għad-danni abbażi tal-prinċipju tal-*culpa in eligendo*. L-Awtorita' konvenuta tistqarr li qabbdet nies ta' ħila. Hija qiegħdha tgħid dan abbażi tal-Artiklu 1037 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar ir-responsabbilita` ta' min iqabbad persuna mhux ta' ħila. Dan il-provvediment tal-liġi jinstab f'parti tal-kodiċi intitolata "Fuq id-Delitti u Kważi-Delitti."

Imma l-Qorti tirreferi lill-Awtorita' konvenuta għall-ftehim tal-11 ta' Frar 2019 bejn il-partijiet kollha għal din il-kawża (a' fol 17). F'dan il-ftehim hemm miftiehem hekk:

"*IM and Contractor, jointly and in solidum between them, hereby undertake and make good any damage* *which may be occasioned to the property as a result of works, and to indemnify spouses Baldacchino who accept, against any loss, damages suffered, and yet to be suffered by them in connection with the works*. ...." (Emfazi tal-Qorti a' fol 17 tergo klawsola 3). Dan ifisser, li l-Awtorita' konvenuta intrabtet ex-contractu, solidalment mal-konvenuti l-oħrajn, li tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-Atturi. L-eċċezzjoni mogħtija setgħet tagħmel sens biss kieku ma kienx hemm dan il-ftehim.

Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tkun respinta.

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet** Attriċi billi tillikwida d-danni sofferti mill-Atturi fl-ammont ta' tletin elf, mitejn u ħamsa u disgħin ewro (€30,295) u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu dan l-ammont lill-Atturi bl-imgħaxijiet legali mill-preżenti sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża għall-konvenuti solidalment bejniethom.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**